# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 12 ta' Frar, 2024.**

**Kawża Nru: 10**

**Rik. Nru. 363/2022 ISB**

**Alfred Buhagiar (K.I. nru. 505739M), John Buhagiar (K.I. nru. 314037M), Emanuel Buhagiar (Passaport nru. VJ141503), Carmel Buhagiar (K.I. nru. 526441M), Georgina Farrugia (K.I. nru. 421944M), Rita Galea (K.I. nru. 68646M), Maria Darmanin (K.I. nru. 34249M), Anthony Buhagiar (K.I. nru. 512347M), Grazio Buhagiar (K.I. nru. 625750M), u Lucy Azzopardi (K.I. nru. 0100152M), u b'digriet tat-13 ta' Ġunju, 2023 l-atti f'isem Alfred Buhagiar, John Buhagiar u Georgina Farrugia ġew trasfużi f'isem il-werrieta preżuntivi u ċjoè Joseph Buhagiar (K.I. nru. 272263M), Laurence Buhagiar (K.I.**

**nru. 0178073M) u Pius Buhagiar (K.I. nru. 0554574M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat; u Alfred Darmanin (K.I. nru. 168154M); u Mary Grace Darmanin (K.I. nru 125958M)**

**<u>DIGRIET GĦAR-RIKORS MRESSAQ MIR-RIKORRENT ALFRED BUHAGIAR ET NHAR IS-27 TA' NOVEMBRU 2023, FEJN WARA D-DIGRIET KAMERALI TAL-20 TA' NOVEMBRU 2023, INTALAB PERMESS *AI TERMINI* TAL-ARTIKOLU 229(3) TAL-KAP 12 BIEX IR-RIKORRENTI JKUNU JISTGĦU JRESSQU APPELL MINN DAK ID-DIGRIET</u>**

**Il-Qorti:-**

Rat **ir-Rikors** ta' Alfred Buhagiar et tas-27 ta' Novembru 2023;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2023;

Rat ir-Risposta tal-intimati Alfred Darmanin et tat-30 ta' Novembru 2023;

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat tas-26 ta' Diċembru 2023;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu awtorizzazzjoni sabiex jipproċedu bl-Appell mid-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Novembru 2023.

Illi dan qed jagħmlu *ai termini* tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid espressament hekk:

> *Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara' bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi filwaqt illi huwa minnu illi r-rikorrenti ma ressqu ebda raġuni għaliex huma ħassewhom aggravati bid-digriet mogħti, b'dana kollu l-Qorti tqis illi jkun aħjar illi r-raġunijiet għall-oppożizzjoni mogħtija mill-Avukat tal-Istat jkunu deċiżi u jiġu konfermati o meno, mill-Qorti Kostituzzjonali.

Il-Qorti tqis illi dak li ġie deċiż minn din il-Qorti għandu jgħaddi mill-għarbiel u skrutinju tal-Qorti Kostituzzjonali qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.

Il-Qorti tħoss u tqis illi jkun ġust, ekwu u fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja illi jintlaqa' l-permess speċjali sabiex isir tali Appell. Il-liġi fuq kollox jidher illi tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex, jekk tħoss aħjar u aktar ġust li jsir hekk – allura tista' tgħaddi biex takkorda tali permess.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat ir-rikors tar-rikorrenti Buhagiar et tas-27 ta' Novembru 2023 u r-risposti relattivi u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet kif hawn fuq espressi, qed tgħaddi biex tiddegreta l-istess rikors billi:

a) **Tilqa’** l-ewwel talba u tagħti l-permess speċjali mitlub *ai termini* tal-Artikolu 229(3) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex l-atturi Alfred Buhagiar et jintavolaw Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mid-digriet ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Novembru 2023, u

b) **Tilqa’** t-tieni talba magħmula, fis-sens illi t-terminu legali sabiex jiġi ntavolat l-Appell msemmi jibda’ jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż relattivi għal din l-istanza jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**